**Parlament Ewropew**

2019-2024

**TESTI ADOTTATI**

# P9_TA(2020)0039

## Il-prijoritajiet tal-UE għall-64 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Frar 2020 dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-64 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa (2019/2967(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-64 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa (CSW64) u t-tema ta' prijorità tagħha tar-rieżami u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing,

– wara li kkunsidra r-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa, li saret f'Beijing f'Settembru 1995, id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni għall-emanċipazzjoni tan-nisa adottati f'Beijing u d-dokumenti ta' eżitu sussegwenti tas-Sessjonijiet Speċjali tan-NU Beijing +5, +10, +15 u +20 dwar azzjonijiet u inizjattivi ġodda għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, adottati fid-9 ta' Ġunju 2000, fil-11 ta' Marzu 2005, fit-2 ta' Marzu 2010 u fid-9 ta' Marzu 2015, rispettivament,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli adottata f'Settembru 2015 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, speċjalment l-SDGs 3 u 5,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi tat-12 ta' Diċembru 2015,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2019 mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) intitolat "Beijing +25 – The 5th Review of the Implementation of the Beijing Platform for Action in the EU Member States" (Beijing +25 – Il-Ħames Rieżami tal-Implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing fl-Istati Membri tal-UE),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa KEE/AC.28/2019/3 (Beijing+25: Laqgħa ta' Rieżami Reġjonali),

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020 (GAP II), adottat mill-Kunsill fis-26 ta' Ottubru 2015, u r-Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni 2018 tiegħu, ippubblikat fil-11 ta' Settembru 2019 mill-Kummissjoni

u r-Rappreżentant Għoli,

– wara li kkunsidra l-Inizjattiva Spotlight tal-UE u n-NU li għandha l-għan li telimina kull forma ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2018 dwar it-tema "In-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà",

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 u l-10 ta' Diċembru 2019 dwar it-tema "Ekonomiji li Jiffavorixxu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-UE: It-Triq 'il Quddiem",

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tas-6 ta' Diċembru 2018 dwar it-tema "L-Ugwaljanza bejn is-Sessi, iż-Żgħażagħ u d-Diġitalizzazzjoni",

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2018 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2017 dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa fis-setturi privati u pubbliċi fl-UE[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2019 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-politiki tat-tassazzjoni fl-UE[3],

– wara li kkunsidra r-rizoluzzjoni tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul u l-miżuri l-oħra biex tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru[4],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 157(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-64 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa (O-000006/2020 – B9-0005/2020),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 136(5) u 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-UE, minqux fit-Trattat tal-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u, għalhekk, l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi hija għodda importanti biex dan il-prinċipju jiġi integrat fil-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet kollha tal-UE, inkluż fid-dimensjoni esterna tagħha;

B. billi d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi mhumiex biss drittijiet fundamentali tal-bniedem, li għandhom jiġu difiżi min-nisa u l-irġiel b'mod ugwali, iżda huma wkoll prekundizzjonijiet għall-avvanz tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku u għat-tnaqqis tal-faqar u pedament neċessarju għal dinja paċifika, prospera u sostenibbli;

C. billi, għalkemm il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (BPfA) ġiet stabbilita 25 sena ilu,

---

1 ĠU C 162, 10.5.2019, p. 9.
2 ĠU C 346, 27.9.2018, p. 6.
3 Testi adottati, P8_TA(2019)0014.
4 Testi adottati, P9_TA(2019)0080.

ħafna mill-isfidi identifikati fl-1995 għadhom rilevanti llum (bħad-diskrepanzi bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa, ir-rati baxxi tal-impjiegi fost in-nisa, in-nuqqas ta' rappreżentanza fit-teħid tad-deċiżjonijiet, id-distribuzzjoni inugwali tax-xogħol mhux imħallas u l-vjolenza sessista fost ħafna oħrajn); billi s-CSW64 ser tiffoka fuq ir-rieżami u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-BPfA, l-eżiti tat-23 sessjoni speċjali tal-Assemblea Ġenerali u t-twettiq sħiħ tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;

D. billi l-għan tal-SDG5 huwa li jinkisbu l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet kollha madwar id-dinja; billi l-SDG5 huwa għan awtonomu, fis-sens li jrid jiġi integrat fl-Aġenda 2030 kollha kemm hi għat-twettiq tal-SDGs kollha; billi l-emanċipazzjoni tan-nisa tfisser li jingħatawlhom l-għodod meħtieġa biex isiru ekonomikament indipendenti, ikunu rappreżentati b'mod ugwali fil-livelli kollha tas-soċjetà, ikollhom rwol indaqs fl-isferi kollha tal-ħajja u jakkwistaw aktar setgħa fil-ħajja pubblika u kontroll fuq id-deċiżjonijiet kollha li jolqtu lil ħajjithom;

E. billi "l-Koalizzjonijiet tal-Azzjoni" huma sħubijiet globali, innovattivi u b'diversi partijiet ikkonċernati li se jimmobilizzaw il-gvernijiet, is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u s-settur privat; billi t-temi tal-Koalizzjoni tal-Azzjoni għall-Generation Equality huma l-vjolenza sessista, il-ġustizzja u d-drittijiet ekonomiċi, l-awtonomija fiżika u s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), l-azzjoni femminista għall-ġustizzja klimatika, it-teknoloġija u l-innovazzjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi, il-movimenti u t-tmexxija femministi, li jintgħażlu abbażi tal-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem, u permezz ta' proċess ta' konsultazzjoni mmexxi mid-data ma' gruppi femministi internazzjonali, organizzazzjonijiet tal-attivisti fil-livell lokali, gvernijiet u sħab oħra; billi l-Koalizzjonijiet tal-Azzjoni jirriflettu wieħed mill-objettivi tal-Forum Generation Equality, li huwa li jinkisbu riżultati tanġibbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi matul id-Deċennju ta' Azzjoni tan-NU (2020-2030) sabiex jintlaħqu l-SDGs; billi kull Koalizzjoni tal-Azzjoni se tniedi sett immirat ta' azzjonijiet konkreti, ambizzjużi u immedjati matul il-perjodu 2020-2025 sabiex jinkiseb impatt tanġibbli fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tal-bniedem tal-bniet u tan-nisa;

F. billi l-UE tiżvolġi rwol ta' tmexxija internazzjonali peress li hija l-akbar donatur ta' għajnuna għall-iżvilupp fid-dinja u, flimkien mal-Istati Membri tagħha, tipprovdi aktar minn nofs l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) globalment, u kienet sostenitur ewlieni tal-Aġenda 2030 u hija impenjata għall-implimentazzjoni tagħha; billi l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp jinkludi l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u tal-bniet, kif ukoll l-emanċipazzjoni u l-protezzjoni tagħhom, bħala prinċipju fundamentali u prijorità fl-oqsma kollha tal-azzjoni esterna tal-UE;

G. billi qed tiġi osservata reazzjoni negattiva – organizzata u inkwetanti – fil-konfront tad-drittijiet tan-nisa u tal-persuni LGBTIQ+ madwar id-dinja kollha; billi din ir-reazzjoni negattiva hija viżibbli wkoll fl-Istati Membri fejn il-movimenti kontra t-teorija tal-ġeneru qed jippruvaw jillimitaw is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, jipprojbixxu l-edukazzjoni dwar is-sesswalità u l-istudji dwar il-ġeneru u jippromwovu kampanji ta' malafama kontra l-Konvenzjoni ta' Istanbul; billi din ir-rigressjoni fid-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi trid tiġi assimilata ma' attakki kontra d-demokrazija nnifisha;

H. billi d-diskrepanzi bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa ilhom jonqsu fl-UE

mill-2013, iżda għadhom għoljin (madwar 16 % u 37 %, rispettivament); billi d-differenza bejn is-sessi fl-impjiegi tibqa' staġnata bi 11,5-il punt perċentwali; billi l-probabbiltà li n-nisa jaħdmu part-time hija erba' darbiet ogħla minn dik tal-irġiel, ċifra li baqgħet prattikament l-istess mill-2013;

I. billi n-nisa fl-Ewropa u madwar id-dinja għadhom iġorru aktar responsabbiltà għall-kura tat-tfal u ta' qraba anzjani mill-irġiel; billi, bħala eżempju, huwa stmat li n-nisa fl-UE jwettqu medja ta' madwar 13-il siegħa aktar ta' xogħol bla ħlas fil-ġimgħa mill-irġiel; billi, minkejja li sar xi progress, l-objettivi ta' Barċellona għall-għoti ta' kura formali tat-tfal għadhom ma ġewx kompletament issodisfati f'xi Stati Membri u kważi terz tal-unitajiet domestiċi fl-UE għadhom isibuha diffiċli li jlaħħqu mal-ispejjeż relatati mal-kura tat-tfal; billi hemm lakuni sinifikanti fid-disponibbiltà tas-servizzi formali tal-kura fit-tul għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità, kif ukoll diskrepanzi sinifikanti fl-infiq tal-Istati Membri fuq dawn is-servizzi;

J. billi, filwaqt li l-proporzjon ta' nisa fi rwoli ta' teħid ta' deċiżjonijiet, fil-biċċa l-kbira, żdied mill-2013 'l hawn, il-progress tipikament sar bil-mod u kien inkonsistenti; billi l-livell ta' sottorappreżentanza tan-nisa jvarja bejn is-setturi u l-Istati Membri u fi ħdanhom; billi hemm livelli partikolarment baxxi ta' rappreżentanza tan-nisa (madwar 20 % jew inqas) f'ħafna karigi ta' teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi u kummerċjali, fl-isport, fis-settur diplomatiku u fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

K. billi kważi wieħed minn kull tliet nisa jew irġiel waħedhom jinsabu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, u n-nisa jikkostitwixxu l-maġġoranza l-kbira (87 %) ta' ġenituri waħedhom; billi madwar nofs il-persuni li ġejjin minn sfond ta' migrazzjoni mhux mill-UE u kważi terz tan-nisa b'diżabilità jinsabu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali; billi erbgħa minn kull ħames membri tal-komunità Rom għandhom introjtu inqas mil-limitu tal-faqar fil-pajjiż ta' residenza tagħhom u inqas minn mara waħda minn kull ħames nisa Rom (li għandhom 16-il sena jew aktar) għandhom impjieg;

L. billi, skont il-Konvenzjoni ta' Istanbul, il-vjolenza kontra n-nisa hija mifhuma bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem u forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa; billi l-vjolenza sessista għadha realtà ta' kuljum għal miljuni ta' nisa u bniet; billi mhux inqas minn mara waħda minn tnejn fl-UE esperjenzaw fastidju sesswali u waħda minn kull tlieta ġew affettwati minn vjolenza fiżika u/jew sesswali; billi n-nisa u l-bniet jikkostitwixxu aktar minn żewġ terzi tal-vittmi ta' traffikar tal-bnedmin; billi l-esponiment ta' ċerti gruppi ta' nisa għal forom intersezzjonali u multipli ta' diskriminazzjoni jkompli jżid l-esponiment tagħhom għal forom differenti ta' vjolenza sessista; billi l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-liġijiet u l-prattiki u l-indirizzar ta' attitudnijiet u normi diskriminatorji f'oqsma bħaż-żwieġ tat-tfal u prattiki abitwali oħra jsaħħu d-drittijiet u l-emanċipazzjoni tan-nisa; billi ċ-ċaħda tas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati hija forma ta' vjolenza kontra n-nisa;

M. billi l-emerġenza ta' vjolenza ċibernetika (inklużi diskors ta' mibegħda online, cyberstalking, bullying jew fastidju, u qsim mingħajr kunsens ta' immaġnijiet espliċiti) hija ta' tħassib dejjem akbar, peress li vjolenza ta' dan it-tip tista' ssikket lin-nisa u tiskoraġġihom milli jieħdu rwol prominenti fil-ħajja pubblika; billi n-nisa f'funzjonijiet pubbliċi, bħal politiċi, ġurnalisti u dawk li jiġġieldu għad-drittijiet tan-nisa u tal-minoranzi, qed isiru dejjem aktar vittmi ta' fastidju ċibernetiku sessist; billi n-nisa huma wkoll soġġetti għal bullying u fastidju ta' natura sessista fuq il-post tax-xogħol, fatt li ntwera b'mod viżibbli u ġie rikonoxxut mill-moviment globali reċenti #MeToo;

N. billi l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati jvarja ħafna madwar id-dinja, anke fi ħdan l-Istati Membri u minn Stat Membru għal ieħor; billi ċ-ċaħda jew ir-restrizzjoni tal-aċċess hija partikolarment dannuża għal dawk li jinsabu fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli; billi kull pajjiż analizzat mill-Atlas tal-Kontraċezzjoni tal-2019 jeħtieġ li jagħmel aktar biex itejjeb l-aċċess għall-informazzjoni u l-provvisti ta' kontraċettivi sabiex in-nies ikollhom għażla matul il-ħajja riproduttiva tagħhom;

O. billi n-nisa huma aġenti ta' bidla pożittiva u jikkontribwixxu għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, il-konsolidazzjoni tal-paċi, in-negozjati ta' paċi u r-rikostruzzjoni wara kunflitt;

P. billi l-ugwaljanza bejn is-sessi hija prerekwiżit għall-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti tal-isfidi klimatiċi sabiex tinkiseb tranżizzjoni ekwa u ġusta li ma tħalli lil ħadd lura; billi l-azzjoni klimatika kollha trid tinkludi perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll perspettiva intersezzjonali; billi jeħtieġ li n-nisa jkollhom rwoli aktar b'saħħithom fl-ispazju għat-tibdil fil-klima bħala mexxejja, professjonisti u aġenti tekniċi għall-bidla;

Q. billi l-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa hija kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir ekonomiku; billi huwa importanti li jiġu appoġġjati l-intraprenditorija tan-nisa, ir-rwol tan-nisa fil-politiki u l-ftehimiet kummerċjali, u l-inklużjoni tan-nisa f'oqsma ekonomiċi emerġenti bħall-ICT, l-iSTEM, is-settur diġitali, l-intelliġenza artifiċjali u l-ekonomija ekoloġika, bħala lievi għat-tkabbir sostenibbli u l-indipendenza finanzjarja tan-nisa;

1. Jindirizza lill-Kunsill ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

***Kummenti ġenerali***

a. jikkonferma mill-ġdid l-impenn sod tiegħu lejn il-BPfA u l-konferenzi ta' rieżami sussegwenti u l-firxa ta' azzjonijiet għall-ugwaljanza bejn is-sessi deskritti fih; itenni li l-ħidma biex jinkisbu d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi titlob approċċ ikkoordinat u multisettorjali li jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati kollha u li jindirizza l-forom multipli persistenti ta' diskriminazzjoni, l-isterjotipi tas-sessi prevalenti u n-nuqqas ta' ugwaljanza bejn is-sessi;

b. jissottolinja l-importanza ta' eżitu pożittiv fis-CSW64, li se ssir mid-9 sal-20 ta' Marzu 2020, inkluż permezz tal-adozzjoni ta' sett ta' impenji ambizzjużi u progressivi deskritti fid-dikjarazzjoni politika;

c. jiżgura li l-UE jkollha pożizzjoni unifikata u tieħu azzjoni b'saħħitha biex tikkundanna b'mod univoku r-reazzjoni negattiva fil-konfront tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tal-miżuri li jdgħajfu d-drittijiet, l-awtonomija u l-emanċipazzjoni tan-nisa f'kull qasam; jirrikonoxxi li mod sinifikanti kif tiġi miġġielda din ir-reazzjoni negattiva huwa li tiġi promossa b'mod proattiv l-ugwaljanza bejn is-sessi u li jiġu integrati l-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma kollha;

d. iwiegħed l-appoġġ qawwi tiegħu għall-ħidma tal-UN Women, li hija attur ċentrali fis-sistema tan-NU għall-avvanz tad-drittijiet tan-nisa u li tlaqqa' lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha sabiex tiġġenera bidla fil-politika u tikkoordina l-azzjonijiet; jistieden lill-Istati Membri kollha tan-NU, kif ukoll lill-UE, jiżguraw

finanzjament adegwat għall-UN Women;

e. jinvolvi ruħu b'mod qawwi fil-Koalizzjonijiet tal-Azzjoni, flimkien mal-Kummissjoni, u jenfasizza l-importanza ta' Beijing+25 u l-Forum Generation Equality; jirrikonoxxi l-impenn tiegħu li jappoġġja t-traċċar u r-rapportar annwali bħala parti mir-Rapport dwar il-Progress tal-Koalizzjoni tal-Azzjoni;

f. jiżgura l-involviment sħiħ tal-Parlament u tal-Kumitat tiegħu għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-pożizzjoni tal-UE fis-CSW64;

***L-UE bħala attur globali***

g. jiżgura l-koerenza u l-komplementarjetà fost l-istrumenti u l-politiki esterni kollha eżistenti tal-UE fir-rigward tal-integrazzjoni tal-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, inklużi l-politika kummerċjali tal-UE, il-Kunsens il-ġdid għall-Iżvilupp, il-pakkett tar-riżorsi tal-UE dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija;

h. imexxi politika kummerċjali tal-UE bbażata fuq il-valuri, li tinkludi l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tax-xogħol u tal-ambjent, kif ukoll ir-rispett tal-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-ugwaljanza bejn is-sessi; ifakkar li l-ftehimiet kollha tal-UE dwar il-kummerċ u l-investiment iridu jintegraw il-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u jinkludu kapitolu ambizzjuż u infurzabbli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (TSD); jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tiżgura, għall-ewwel darba għall-UE, l-inklużjoni ta' kapitolu speċifiku dwar il-ġeneru fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni modernizzat bejn iċ-Ċilì u l-UE u li tippromwovi u tappoġġja l-inklużjoni ta' dawn il-kapitoli fil-ftehimiet ulterjuri kollha tal-UE dwar il-kummerċ u l-investiment, filwaqt li tibni fuq eżempji internazzjonali eżistenti; jirrikonoxxi li l-impenji kummerċjali fil-ftehimiet tal-UE qatt ma għandhom iħassru d-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tan-nisa jew il-ħarsien tal-ambjent, u għandhom jikkunsidraw l-ambjent lokali, soċjali u ekonomiku;

i. jieħu rwol qawwi ta' tmexxija fil-kisba tad-drittijiet tal-bniet u tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-azzjoni esterna, speċjalment fil-politika barranija, ta' sigurtà, ta' żvilupp u ta' kooperazzjoni, u jġedded il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi għar-relazzjonijiet esterni wara l-2020 u jagħmlu aktar ambizzjuż; jagħti widen għat-talba tal-Parlament biex l-UE tkompli tappoġġja l-Inizjattiva Spotlight, sħubija bejn l-UE u n-NU mmirata biex telimina kull forma ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet sal-2030;

j. jirdoppja l-isforzi tiegħu fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-SDGs kollha, b'mod partikolari l-SDG3 u l-SDG5, biex jiżgura li l-ebda mara jew tifla ma tkun soġġetta għal diskriminazzjoni, vjolenza jew esklużjoni u li n-nies u l-bniet kollha jkollhom aċċess għas-saħħa, l-ikel, l-edukazzjoni u opportunitajiet ta' xogħol;

k. jagħmel l-almu tiegħu biex jelimina l-użu tal-istupru bħala arma tal-gwerra u tal-oppressjoni u biex kemm l-UE u l-Istati Membri tagħha jagħmlu pressjoni fuq il-gvernijiet ta' pajjiżi terzi u fuq il-partijiet ikkonċernati kollha fir-reġjuni fejn

tintuża tali vjolenza sessista, sabiex din il-prattika tintemm, it-trasgressuri jitressqu quddiem il-ġustizzja u ssir ħidma mas-superstiti u man-nisa u l-komunitajiet affettwati biex dawn jiġu megħjuna jfiqu u jirkupraw;

l. iħeġġeġ parteċipazzjoni akbar tan-nisa fiż-żamma tal-paċi, il-konsolidazzjoni tal-paċi u l-proċessi ta' medjazzjoni u fil-missjonijiet tal-UE għall-ġestjoni militari u ċivili tal-kriżijiet, f'konformità mar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, b'enfasi partikolari fuq il-vjolenza sesswali b'rabta ma' kunflitt; ifakkar li l-analiżi ta' kunflitti sensittiva ggħall-kwistjonijiet relatati mas-sessi, f'konsultazzjoni ma' atturi mill-komunitajiet u organizzazzjonijiet tan-nisa, tista' tiffaċilita fehim aħjar tar-rwol tan-nisa fil-kunflitt;

m. jinkludi perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi fir-rispons ta' għajnuna umanitarja tal-UE u tal-Istati Membri, u perspettiva dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, peress li l-aċċess għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva huwa ħtieġa bażika għal persuni f'kuntesti umanitarji;

n. jikkundanna bil-qawwa r-regola "global gag" li tipprojbixxi li l-organizzazzjonijiet internazzjonali jirċievu finanzjament għall-ippjanar tal-familja mill-Istati Uniti jekk dawn jipprovdu servizzi ta' abort, jagħtu parir dwarhom, jirreferu nisa għalihom jew jagħmlu lobbying favurihom; iqis din ir-regola bħala attakk dirett u daqqa ta' ħarta fil-konfront tal-progress li sar fid-drittijiet tan-nisa u tal-bniet; jitlob, bħala kwistjoni ta' urġenza, biex l-UE u l-Istati Membri tagħha jiġġieldu kontra l-impatt tar-regola "gag" billi jappoġġjaw b'mod sinifikanti s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u jimlew il-lakuna fil-finanzjament;

o. iqis li, fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, in-nisa u l-bniet huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima, li jżid l-inugwaljanzi eżistenti u jhedded is-saħħa, is-sikurezza u l-benessri ekonomiku tan-nisa u tal-bniet; ifakkar li l-azzjoni klimatika hija l-aktar effikaċi meta n-nisa u l-bniet ikollhom rwol attiv, peress li huma aġenti b'saħħithom tal-bidla;

***L-emanċipazzjoni ekonomika u politika tan-nisa***

p. jintensifika l-isforzi għall-inklużjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol u jtejjeb l-appoġġ għall-intraprenditorija tan-nisa peress li huma fatturi ewlenin għall-kisba ta' tkabbir ekonomiku inklussiv fit-tul, il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u l-inkoraġġiment tal-indipendenza finanzjarja tan-nisa; jieħu miżuri biex jiġi indirizzat il-qgħad tan-nisa, b'mod partikolari l-qgħad fit-tul tagħhom;

q. isaħħaħ l-isforzi kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi biex jagħlaq definittivament id-diskrepanzi bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa u jinforza bil-qawwa l-prinċipju ta' ugwaljanza fil-pagi, billi jiżgura li l-pagi għall-ħaddiema part-time huma konformi mal-ekwivalenti full-time u billi jadotta leġiżlazzjoni għaż-żieda fit-trasparenza tal-pagi u jtejjeb iċ-ċarezza legali biex jiġu identifikati l-preġudizzji u d-diskriminazzjoni bejn is-sessi fl-istrutturi tal-pagi u jiġu miġġielda s-segregazzjoni vertikali u orizzontali okkupazzjonali u l-preġudizzji ta' min iħaddem meta jirrekluta u jieħu deċiżjonijietiet dwar il-promozzjoni; jippromwovi investiment ġdid fl-infrastruttura tal-kura, l-

edukazzjoni u l-kura tas-saħħa u fil-forniment pubbliku ta' servizzi ta' kura aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità matul iċ-ċiklu tal-ħajja, inkluża l-kura tat-tfal, tal-persuni dipendenti u tal-persuni anzjani, u jiżgura protezzjoni b'saħħitha u drittijiet tax-xogħol għan-nisa tqal matul u wara t-tqala tagħhom;

r. jappoġġja politiki li jiffavorixxu l-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet domestiċi u ta' kura bejn in-nisa u l-irġiel u jiġġieled in-normi tal-ġeneruu l-aspettattivi inugwali fil-konfront tal-irġiel u n-nisa inkwantu l-kura billi jiġu implimentati politiki xierqa li jinvolvu lill-irġiel fil-bidla meħtieġa;

s. jirrikonoxxi l-impatti differenzjali tat-tassazzjoni fuq in-nisa u fuq tipi differenti ta' unitajiet domestiċi (unitajiet domestiċi b'żewġ persuni jaqilgħu l-għajxien, unitajiet domestiċi b'mara jew raġel jaqilgħu l-għajxien waħedhom, eċċ.) u jiżgura li s-sistemi ta' tassazzjoni jippromwovu u jipproteġu l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġustizzja tat-taxxa għan-nisa billi jeliminaw preġudizzji relatati mas-sessi u inċentivi li jipperpetwaw rwoli mhux ugwali għall-irġiel u n-nisa;

t. jintensifika l-ħidma biex jiġu miġġielda s-segmentazzjoni orizzontali u vertikali tas-suq tax-xogħol u l-femminilizzazzjoni tax-xogħol prekarju, u jiżgura provvista adegwata għan-nisa li jiffaċċjaw forom multipli ta' diskriminazzjoni; jiżgura li jkun hemm provvediment adegwat għan-nisa anzjani, inklużi miżuri bħal krediti għal perjodi ta' kura, pensjonijiet minimi adegwati, benefiċċji tas-superstiti u drittijiet għal leave tal-familja għall-irġiel sabiex tiġi evitata l-femminilizzazzjoni tal-faqar;

u. jenfasizza d-dritt tal-ħaddiema domestiċi nisa, inklużi ħaddiema migranti u rifuġjati, għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u protezzjoni soċjali ugwali; jiżgura r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni 189 tal-ILO dwar Xogħol Deċenti għall-Ħaddiema Domestiċi;

v. jirrikonoxxi l-importanza tat-tisħiħ tal-politiki u tal-miżuri li jippromwovu l-edukazzjoni għall-bniet, u l-implikazzjonijiet tagħhom f'dak li jirrigwarda l-emanċipazzjoni ekonomika tagħhom; ifakkar li hemm bżonn ta' enfasi speċifika biex jiġi żgurat l-aċċess tal-bniet u tan-nisa għal-livelli kollha tal-edukazzjoni f'livell globali; jappoġġja, f'dan ir-rigward, inizjattivi ta' gwida għall-karriera u ta' sensibilizzazzjoni sensittivi għall-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi biex tiġi romossa parteċipazzjoni akbar tan-nisa fil-karrieri fl-oqsma STEM u l-irġiel fis-setturi tas-saħħa, tal-benesseri u tal-edukazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li n-nisa jkunu inklużi u rappreżentati f'oqsma ekonomiċi emerġenti li huma importanti għall-iżvilupp sostenibbli, inklużi s-setturi diġitali, tal-ICT u tal-intelliġenza artifiċjali;

w. jiżgura l-integrazzjoni sħiħa tan-nisa *pari passu* mal-irġiel fil-livelli kollha u fl-oqsma kollha u jippromwovi b'mod attiv ir-rappreżentanza bbilanċjata tal-irġiel u n-nisa u r-rappreżentanza ugwali tat-tħassib u l-interessi kollha tan-nisa fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet; imexxi bl-eżempju u jiżblokka d-Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet fil-Kunsill Ewropew u jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' bilanċ bejn is-sessi fil-liġijiet elettorali;

***L-eradikazzjoni tal-vjolenza sessista u l-iżgurar tad-drittijiet fundamentali tan-nisa***

x. jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza sessista u l-fatt li n-nisa u l-bniet għadhom esposti għal vjolenza psikoloġika, fiżika, sesswali u ekonomika, inklużi l-vjolenza domestika, il-fastidju sesswali, il-vjolenza online, is-segwiment ta' persuna bil-moħbi (stalking), l-istupru, iż-żwieġ prekoċi u furzat, il-mutilazzjoni ġenitali femminili, id-delitti kommessi f'isem l-hekk imsejjaħ "unur", l-abort furzat, l-isterilizzazzjoni furzata, l-isfruttament sesswali u t-traffikar tal-bnedmin u forom oħra ta' vjolenza li jikkostitwixxu ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom u tad-dinjità tagħhom; jieħu nota tat-tħassib serju tal-Parlament dwar il-fenomenu tal-femminiċidju, li huwa l-aktar forma estrema ta' vjolenza kontra n-nisa;

y. jikkonkludi b'urġenza l-proċess ta' ratifika tal-Konvenzjoni ta' Istanbul min-naħa tal-UE abbażi ta' adeżjoni wiesgħa mingħajr l-ebda limitazzjoni u jippromwovi r-ratifika tagħha min-naħa tal-Istati Membri kollha; jiżgura l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni korretta tal-Konvenzjoni u jalloka riżorsi finanzjarji u umani adegwati għall-prevenzjoni u l-ġlieda fil-konfront tal-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza sessista kif ukoll għall-protezzjoni tal-vittmi; iqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (GREVIO) u jtejjeb il-leġiżlazzjoni biex tkun aktar allinjata mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Istanbul; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta att legali dwar il-prevenzjoni u s-soppressjoni tal-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u tal-vjolenza sessista;

z. jirratifika l-Konvenzjoni 190 tal-ILO dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol, u jieħu azzjoni affermattiva biex jimplimenta l-ewwel rakkomandazzjoni li qatt saret mill-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda fil-konfront tas-sessiżmu, li tipproponi modi konkreti għal atturi differenti biex jidentifikawha u jindirizzawha;

aa. jiżgura li l-Istati Membri kollha jittrasponu u jimplimentaw b'mod effiċjenti d-Direttiva 2011/36/UE tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu[1];

ab. jiggarantixxi rispett universali u aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati kif miftiehem fil-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp, il-BPfA u d-dokumenti ta' eżitu tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom li jirrikonoxxu li huma jikkontribwixxu għall-kisba tal-SDGs kollha relatati mas-saħħa bħall-kura prenatali u miżuri biex jiġu evitati każijiet ta' twelid b'riskju għoli u titnaqqas il-mortalità tat-trabi u tat-tfal; jirrikonoxxi li l-aċċess għall-ippjanar tal-familja, is-servizzi tas-saħħa materna u s-servizzi ta' abort sikuri u legali huma elementi importanti li jsalvaw il-ħajjiet tan-nisa;

ac. jipprovdi edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet ibbażata fuq l-evidenza u l-età għall-bniet u għas-subien f'kuntesti ta' skola sabiex it-tfal u ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jiżviluppaw l-għarfien, l-attitudnijiet u l-ħiliet preċiżi li jeħtieġu biex jiffurmaw relazzjonijiet sikuri, f'saħħithom u ta' rispett; ifakkar li tali edukazzjoni għandha tkun ibbażata fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-diversità; jirrikonoxxi li tali edukazzjoni għandha

[1] ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.

tinkludi suġġetti bħall-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, in-normi tal-ġeneru, ir-relazzjonijiet u l-kunsens affermattiv, il-prevenzjoni ta' vjolenza sesswali u sessista u prattiki dannużi bħalma huma l-grooming u l-mutilazzjoni ġenitali femminili, il-prevenzjoni ta' infezzjonijiet trażmessi sesswalment (STIs), l-HIV, u t-tqala mhux intenzjonata, u tipprovdi informazzjoni dwar l-aċċess għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż l-ippjanar tal-familja, il-metodi kontraċettivi u l-abort sikur u legali;

***Politiki u istituzzjonijiet inklużivi u sensittivi għall-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi***

ad. jiżgura l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni sistematika ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi bħala strateġija ewlenija biex tappoġġja t-twettiq tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-prattika; jirrikonoxxi li l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi għandha titwettaq fl-oqsma kollha ta' politika u tirrikonoxxi l-importanza speċjali tat-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tas-sessi;

ae. itejjeb il-monitoraġġ u l-ġbir ta' data komparabbli, anonimizzata u diżaggregata skont is-sessi sabiex titjieb l-analiżi kwalitattiva tas-sitwazzjonijiet tan-nisa u biex bħala konsegwenza jiġu adottati politiki aħjar dwar il-ġeneru; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jinvestu aktar fil-ġbir ta' data diżaggregata u jgħinu biex isaħħu l-kapaċitajiet u l-mekkaniżmi nazzjonali tal-istatistika f'pajjiżi sħab;

af. jintroduċi l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki dwar l-ambjent u dwar it-tibdil fil-klima tal-UE u jiggarantixxi appoġġ finanzjarju u istituzzjonali, għarfien espert dwar kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u miżuri ta' politika b'saħħithom, u jistabbilixxi punti fokali dwar il-ġeneru u t-tibdil fil-klima fl-istituzzjonijiet kollha tal-gvern; jirrikonoxxi li l-parteċipazzjoni sinifikattiva u ugwali tan-nisa fil-korpi deċiżjonali u fil-politika u l-azzjoni dwar il-klima fil-livell nazzjonali u lokali hija vitali biex jintlaħqu l-għanijiet fit-tul tal-klima, u jirrikonoxxi u jappoġġja r-rwoli tan-nisa u tal-bniet bħala aġenti tal-bidla;

ag. jadotta u jimplimenta bbaġitjar, prattiki u pjanijiet direzzjonali sensittivi għall-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi biex tkun żgurata l-allokazzjoni ta' finanzjament adegwat għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi; jistabbilixxi fondi affidabbli, sistematiċi u adegwati mill-baġits nazzjonali biex jiġu implimentati l-impenji internazzjonali u nazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa;

ah. jimplimenta perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fi ħdan il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni li tiggarantixxi d-drittijiet tan-nisa u l-bniet rifuġjati, jintroduċi immedjatament proċeduri ta' asil u migrazzjoni sensittivi għall-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u jintensifika l-ħidma sabiex jiġu żgurati l-identifikazzjoni u l-protezzjoni xierqa ta' vittmi potenzjali tat-traffikar fiċ-ċentri ta' akkoljenza madwar l-UE;

ai. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu protetti u promossi d-drittijiet tal-gruppi li jesperjenzaw forom ta' diskriminazzjoni multipli u intersezzjonali, inkluż nisa b'diżabilità, nisa b'karnaġġjon skur u ta' kulur, nisa migranti u ta' minoranza etnika, nisa anzjani, nisa f'żoni rurali u depopolati, l-ommijiet waħedhom u l-persuni LGBTIQ+, u jaħdem biex jippromwovi l-kunċett tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni multipla

u jistituzzjonalizza analiżi intersezzjonali fil-korpi kollha tan-NU, fl-UE u fl-Istati Membri rispettivi;

aj. jiżgura li l-organizzazzjonijiet ta' bażi għad-drittijiet tan-nisa u d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa u tal-persuni LGBTIQ+ jiġu appoġġjati permezz tal-għoti ta' finanzjament adegwat u t-tneħħija ta' restrizzjonijiet li jimpedixxu l-abbiltà tagħhom li joperaw u li jżommu responsabbli lil dawk li qegħdin fil-poter; jippromwovi l-parteċipazzjoni wiesgħa u sinifikanti tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tan-nisa u l-gruppi marġinalizzati fit-tfassil ta' deċiżjonijiet u ta' politiki fil-livelli kollha; jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni b'mod partikolari tan-nisa żgħażagħ u taż-żgħażagħ;

ak. jadotta l-proposta għad-Direttiva Kontra d-Diskriminazzjoni mmirata li timplimenta, b'mod sensittiv għall-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, il-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-president tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill kif ukoll, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Kummissjoni.